MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 152/2007

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu bir-rit civili fl-24 ta' Mejju 2006, skond kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom illi kopja tieghu qed tigi annessa ma' dan ir-Rikors u esebita u mmarkata bhala Dok. A, u prezentement, l-istess partijiet huma involuti fi proceduri ta' separazzjoni personali.

2. Illi minn din l-unjoni, twieldet tifla, Patrizia Lee Noella nhar it-2 ta' Lulju 2006, u cioe' hames (5) gimghat wara li gie ccelebrat iz-zwieg.

3. Illi l-partijiet saru jafu lil xulxin fuq l-internet, fis-sena 2004, wara li l-attrici kienet spiccat minn relazzjoni ma' guvni iehor, u kienet depressa hafna. Is-sitwazzjoni ta' l-attrici kienet iggravata aktar mill-fatt illi proprju fl-istess zmien, missierha kien fil-periklu li jmut minhabba f' sahhtu, u dan l-inkwiet kompla jzid id-dwejjaq illi hija kellha.

4. Illi l-attrici dak iz-zmien kien ghad kellha biss tmintax (18)-il sena, u l-konvenut kellu dsatax (19)-il sena, u t-tnejn li huma kien ghadhom studenti.

5. Il-konvenut kien gentili ma' l-attrici, f' dak iz-zmien difficli u konfuz ta' hajjitha, u ghalhekk, minn hbiberija fuq l-internet, ir-relazzjoni bejn il-partijiet saret wahda ta' natura intima f' qasir zmien, tant illi f' Novembru tas-sena 2005, meta l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien biss madwar sena, l-attrici harget tqila bit-tifla minuri tal-partijiet, Patrizia Lee Noella. Sa dan il-mument, il-hsieb ta' zwieg la qatt kien ghadda minn mohh il-partijiet u wisq anqas gie diskuss bejniethom.

6. Illi effettivament, il-konvenut ried illi l-attrici tittermina t-tqala taghha, ghaliex ma riedx ikun marbut ma' l-attrici ghal dejjem tramite l-istess tarbija, pero', minkejja l-eta' tenera taghha, l-attrici assolutament ma riedetx tnehhi t-tarbija. Meta ra hekk u meta kien car illi t-tqala ma setghetx tigi tterminata, xhur wara illi kienet giet skoperta l-istess sitwazzjoni, il-konvenut ippropona lill-attrici illi huma jizzewgu halli t-tarbija titwieled fiz-zwieg.

7. Illi l-attrici accettat minkejja illi ma kienetx thobb lill-konvenut, u ma setghetx lanqas timmagina tqatta' l-bqija ta' hajjitha mieghu. L-unika raguni ghaliex izzewgitu kien il-gid tat-tarbija illi kienet ghadha fil-guf, peress illi, ta' tmintax (18)-il sena, hija kienet tal-fehma illi t-tarbija kien jisthoqqilha ambjent familjari bhal ma kellha hi mal-ġenituri taghha. Jidher illi dan ukoll kien il-hsieb tal-konvenut.

8. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-partijiet mhux biss ma kienu ihobbu lil xulxin meta

zzewgu, izda lanqas ma kienu jipposjedu l-kapacita; illi japprezzaw is-serjeta' tal-pass illi kienu qeghdin jiehdu. Tant hu hekk illi z-zwieg taghhom gie ccelebrat bir-rit civili, ghaliex l-attrici ma riedetx tintrabat mal-konvenut quddiem Alla, permezz tar-rit Kattoliku.

9. Illi minkejja l-buona volonta' ta' l-attrici, iz-zwieg tal-partijiet qatt ma kien wiehed felici, stante illi l-unika haga illi suppost kellha takkomuna lill-partijiet, ossia l-minuri, ma kienetx tfisser tant ghall-konvenut, illi kien izomm idu fil-flus, u letteralment ihalli lill-attrici u lil binthom minuri neqsin minn kollox. Il-konvenut effettivament wera illi huwa ma kienx kapaci jerfa' mqar parti mir-responsabbilta' tat-trobbija tal-minuri, u wisq anqas jassumi l-obbligi matrimonjali.

10. Illi minhabba f' dak kollu fuq premess, u ragunijiet ohra ta' inkompatibilita' illi hargu f' qasir zmien fiz-zwieg ta' bejn il-partijiet, il-hajja bejn il-kontendenti saret impossibli u l-attrici kienet kostretta illi tirritorna, b' bintha minuri, f' dar il-genituri taghha biss erba' (4) xhur wara z-zwieg.

11. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-attrici.

12. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-24 ta' Mejju 2006 jigi dikjarat null u bla effett skond il-Ligi, ghar-ragunijiet fuq premessi, stante illi l-kunsens tal-partijiet, kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli ghall-partijiet jew min minnhom illi taqdu l-obbligi essenzjali, u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg;

13. Illi ulterjorment, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi, ghall-fini ta' l-Artikolu 19(1)(f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg, stante illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu,

jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ghaldaqstant l-attrici, in vista ta’ dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar l-24 ta’ Mejju 2006 huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-fini tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 19(1)(d) u (f) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut rrisponda:

1. Illi fl-ewwel lok jigi precizat illi l-ewwel isem tieghu jinkiteb “C” u mhux kif indikat fl-okkju tal-kawza u ghalhekk ghandha tigi ordnata d-debita korrezzjoni.

2. Illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti nhar l-24 ta’ Mejju 2006 huwa null u dan ghal ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti attrici A D.

3. Illi r-raguni ghalfejn sehh dan iz-zwieg kienet illi r-rikorrenti attrici u l-intimat konvenut kellhom relazzjoni intima qabel ma zzewgu li minnha twieldet il-minuri Patrizia Lee.

4. Illi qabel iz-zwieg tal-kontendenti kien hemm pressjoni fuq l-istess kontendenti partikolarment fuq l-attrici rikorrenti liema pressjoni wasslet sabiex il-kontendenti jaghzlu li jizzewgu minghajr ma kienu lesti ghall-hajja mizzewga u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi l-kontendenti damu jghixu bhala mizzewgin ghal ftit aktar minn erba’ xhur u dan iz-zwieg kien destinat li jfalli ghar-ragunijiet imsemmija kif wkoll kif se jirrizulta mill-provi li se jittressqu f’ din il-kawza.

6. Illi huwa jaf b’ dawn il-fatti personalment.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-24 ta’ Mejju 2006 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel li z-zwieg huwa null, izda qed jikkontesta r-responsabbilita’

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-24 ta’ Mejju 2006 meta allura l-attrici kellha 19-il sena u l-konvenut kellu 20 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien sena u tlett xhur. Wara ftit l-attrici nqabdet tqila, bir-rizultat li l-partijiet kienu kostretti li jizzewwgu sabiex it-tarbija titwieled fiz-zwieg. Di fatti huma zzewwgu bir-rit civili meta kellha hames xhur tqala, bl-intendiment li jekk ir-relazzjoni ta’ bejniethom tkun tajba huma jikkuntrattaw iz-zwieg bir-rit relgjuz. Izda l-partijiet qatt ma wasslu sabiex jizzewwgu bil-knisja peress li mill-bidu nett il-konvivenza matrimonjali ta’ bejniethom kienet turbulenti principalment rizultat tan-nuqqas ta’ mhabba u affezzjoni reciproka, kif ukoll inkwiet mal-genituri ta’ l-attrici. Konsegwentement wara konvivenza ta’ erba xhur, l-attrici hasset li ma setghetx tissaporti aktar u telqet mid-dar konjugali.

Illi fid-deposizzjoni tieghu l-konvenut jikkonferma li huma kienu ddecidew li zzewwgu “ghall-kunjom tat-tifla”; anke l-attrici tghid li l-uniku skop li accettat li tizzewweg lill-konvenut kien sabiex it-tifla titwieled f’ambjent ta’ familja fiz-zwieg. Hi tghid fid-deposizzjoni taghha li fil-mument li zzewwget lill-konvenut hija ma kienitx thobbu daqshekk li tizzewwgu, izda kienet ghamlet hekk minhabba t-tarbija li kellha fil-guf; u di fatti ma rieditx tizzewweg bil-Knisja

qabel ma tkun certa mir-relazzjoni taghha mal-konvenut. Hija tghid kategorikament li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali ghaz-zwieg civili hija kienet eskludiet li jkollha tfal minn dan iz-zwieg civili; u tat lil Qorti bhala raguni, li bil-kuntrattazzjoni taz-zwieg civili “jiena ma hassejtnix mizzewwga”.

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tosserva li l-partijiet kienu dahhlu ghal dan iz-zwieg civili, minghajr preparazzjoni u inoltre, il-fatt li huma sostnew li kienu zzewwgu unikament sabiex it-tarbija titwieled fiz-zwieg, tant li huma jammettu li ma kienux ihobbu lil xulxin ghajr ghall-attrazzjoni fisika ta’ bejniethom, jimmanifesta nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq l-import tal-hajja matrimonjali. Il-partijiet fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, zgur li ma kellhomx dixxerniment adegwat tad-drittijiet u obbligi matrimonjali, tant li wara erba [4] xhur mid-data taz-zwieg il-konvivenza ta’ bejniethom kienet diga’ saret impossibbli. Inoltre, il-fatt li l-partijiet ma kienux izzewwgu bil-knisja peress li ma kienux konvinti mir-relazzjoni taghhom, huwa evidenza cara ta’ kemm il-partijiet ma kienux gharrfu verament l-import tal-pass li hadu meta kkuntrattaw iz-zwieg in kwistjoni.

Illi f’ dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tirravvisa fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 u ghalhekk it-talba attrici hija gustfikata fil-fatt u fid-dritt u timerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta’ Mejju 2006. L-ispejjez tar-registru jigu sopportati bejn il-partijiet ugwalment, filwaqt li l-kumplament jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------